

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Kwistjonijiet Tal-familja U Wirt](#) > [Wirt](#) > [Suċċessjonijiet](#) > [Ireland](#)

Suċċessjonijiet



Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

L-iskeda informattiva ġiet ippreparata b'kooperazzjoni mal-Kunsill tan-Nutara tal-UE (CNUE)

1 Kif titfassal dispożizzjoni dwar it-tqassim tal-beni (testment, testment konġunt, ftehim dwar is-suċċessjoni) malli jmut xi ħadd?

Ma hemm l-ebda trasferiment awtomatiku ta' assi wara l-mewt.

F'ħafna każijiet il-proprjetà tinżamm b'mod konġunt qabel il-mewt u dik il-proprjetà tiġi ttrasferita skont il-prinċipju tas-sopravivenza dment li din kienet l-intenzjoni tas-sidien konġunti.

Apparti proprjetà konġunta li tiddevolvi permezz ta' sopravivenza, l-assi jridu jiġu ttrasferiti skont it-termini ta' testment jew *ab intestato* (fejn ma jkunx hemm testment). Il-kriterji għall-abbozzar ta' testment huma stabbiliti fl-Att dwar is-Suċċessjoni tal-1965 (Parti VII). Ir-regoli *ab intestato* (fejn ma jkunx hemm testment) huma stabbiliti wkoll fl-Att dwar is-Suċċessjoni tal-1965 (Parti VI).

2 Id-dispożizzjoni għandha tkun irreġistrata u jekk iva, kif?

Ma hemm l-ebda rekwiżit għal testment biex jiġi rreġistrat f'din il-ġurisdizzjoni.

3 Hemm restrizzjonijiet fuq il-libertà li wieħed jiddisponi mill-beni wara l-mewt (pereżempju sehem riżervat)?

L-Att dwar is-Suċċessjoni tal-1965 fih għadd ta' restrizzjonijiet dwar id-disponiment tal-assi permezz ta' testment (Parti IX Dritt legali tal-konjuġi tat-testatur, is-sieħeb ċivili u l-manteniment għat-tfal).

4 Jekk ma jkunx hemm dispożizzjoni dwar it-tqassim tal-beni malli jmut xi ħadd, min jiret u kemm?

L-Att dwar is-Suċċessjoni tal-1965 jistabbilixxi min jiret fin-nuqqas ta' testment u f'liema proporzjonijiet (ara l-Parti VI).

5 Liema tip ta' awtorità hija kompetenti:

5.1 fi kwistjonijiet ta' suċċessjoni?

Il-kwistjoni tal-Aġġudikazzjonijiet tal-Wirt fejn ikun hemm testment u l-ħruġ ta' ltrri ta' Amministrazzjoni fejn ma jkun hemm l-ebda testment jiġu ssorveljati mill-Uffiċċju tas-Suċċessjoni bbażat f'Dublin u erbatax-il Uffiċċju tas-Suċċessjoni Distrettwali bbażati f'postijiet ġeografiċi oħra. L-Uffiċċju tas-Suċċessjoni u r-Reġistri tas-Suċċessjoni

Distrettwali huma l-uffiċċji tas-Servizz tal-Qrati Irlandiżi. L-Aġġudikazzjonijiet tal-Wirt jinħarġu lil Eżekutor(i) fejn ikun hemm testment u lil Amministratur fejn ma jkunx hemm testment.

5.2 biex tirċievi dikjarazzjoni ta' rinunzja jew aċċettazzjoni tas-suċċessjoni?

Dawn il-kwistjonijiet jiġu ttrattati barra mill-proċess formali tas-suċċessjoni bħala parti mill-amministrazzjoni tal-patrimonju ta' persuna deċeduta. Is-soltu jiġu ttrattati minn rappreżentant legali kkwalfikat kif xieraq.

5.3 biex tirċievi dikjarazzjoni ta' rinunzja jew aċċettazzjoni tal-legat?

Dawn il-kwistjonijiet jiġu ttrattati barra mill-proċess formali tas-suċċessjoni bħala parti mill-amministrazzjoni tal-patrimonju ta' persuna deċeduta. Is-soltu jiġu ttrattati minn rappreżentant legali kkwalfikat kif xieraq.

5.4 biex tirċievi dikjarazzjoni ta' rinunzja u aċċettazzjoni ta' sehem riżervat?

Dawn il-kwistjonijiet jiġu ttrattati barra mill-proċess formali tas-suċċessjoni bħala parti mill-amministrazzjoni tal-patrimonju ta' persuna deċeduta. Is-soltu jiġu ttrattati minn rappreżentant legali kkwalfikat kif xieraq.

6 Deskrizzjoni qasira tal-proċedura biex issir suċċessjoni skont il-liġi nazzjonali, inkluż kif issir il-likwidazzjoni tal-patrimonju u kif jinqasmu l-assi (din tinkludi informazzjoni dwar jekk il-proċedura ta' suċċessjoni tinbeda minn qorti jew minn awtorità kompetenti oħra fuq inizjattiva tagħha stess)

Apparti l-ħruġ ta' Aġġudikazzjoni tal-Wirt jew Ittri ta' Amministrazzjoni, il-kwistjonijiet l-oħra kollha relatati mal-amministrazzjoni tal-patrimonju ta' persuni deċeduti jiġu ttrattati mill-Eżekutor(i) jew mill-Amministratur(i) mingħajr aktar inputs mill-Uffiċċju tas-Suċċessjoni jew mill-Uffiċċji tas-Suċċessjoni Distrettwali. Il-funzjoni ewlenija ta' Eżekutor jew Amministratur hija li jiġu ddistribwiti l-assi tal-persuna deċeduta. L-assi jitqassmu f'konformità max-xewqat tal-persuna deċeduta kif stabbilit fit-testment tagħha jew jekk ma jkunx hemm testment f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar is-Suċċessjoni tal-1965.

7 Kif u meta wieħed isir werriet jew legatarju?

Il-kunċett ta' werrieta ma huwiex magħruf mid-dritt Irlandiż. It-terminu benefiċjarju jintuża biex jiddeskrivi persuna li tirt xi assi minn persuna deċeduta.

8 Il-werrieta huma responsabbli għad-djun tal-mejjet, u jekk iva, skont liema kundizzjonijiet?

Id-djun jistgħu jkunu pagabbli f'patrimonju ta' persuni deċeduti iżda l-Eżekutor(i) jew l-Amministratur(i) mhumiex personalment responsabbli għal dawk id-djun.

9 Liema huma d-dokumenti u/jew l-informazzjoni normalment meħtieġa għall-finijiet tar-reġistrazzjoni tal-proprjetà immobbli?

Hemm diversi dispożizzjonijiet statutorji fis-seħħ li jistabbilixxu r-rekwiżiti għat-trasferiment ta' proprjetà immobbli. Madankollu dawk id-dispożizzjonijiet mhumiex parti mill-proċess tas-suċċessjoni.

9.1 Il-ħatra ta' amministratur hija obligatorja jew issir obligatorja wara li ssir it-talba? Jekk hija obligatorja jew obligatorja fuq talba, x'inhuma l-passi li għandhom jittieħdu?

L-Aġġudikazzjonijiet tal-Wirt jew l-Ittri ta' Amministrazzjoni jinħarġu biss fuq talba. Ma hemm l-ebda rekwiżit obligatorju għall-amministrazzjoni.

9.2 Min huwa intitolat li jeseqgwi d-dispożizzjoni testamentarja mal-mewt tal-persuna u/jew li jamministra l-patrimonju?

Jekk ikun hemm testment, normalment ikun l-Eżekutor(i) li jkun(u) ġie/ġew maħtur(a) mill-persuna deċeduta fit-testment tagħha. F'sitwazzjoni *ab intestato*, il-persuna tiġi ddeterminata mid-dispożizzjonijiet tal-Att dwar is-Suċċessjoni tal-1965.

9.3 X'setgħat għandu amministratur?

L-Eżekutori u l-Amministraturi għandhom setgħat sħaħ mingħajr ebda intervent tal-qorti biex jamministraw il-patrimonju ta' persuna deċeduta. Jekk jinqalgħu xi kwistjonijiet matul l-amministrazzjoni, l-Eżekutori u l-Amministraturi jistgħu jagħmlu rikors quddiem il-High Court għal ordnijiet xierqa.

10 Liema dokumenti huma tipikament maħruġa skont il-liġi nazzjonali matul jew fl-aħħar tal-proċedimenti ta' suċċessjoni li jippruvaw l-istatus u d-drittijiet tal-benefiċjarji? Għandhom effetti evidenzjarji speċifiċi?

Fil-każ ta' testment tinħareġ Aġġudikazzjoni tal-Wirt. F'każ ta' *ab intestato* jinħarġu l-tri ta' Amministrazzjoni. L-Irlanda eżerċitat l-għażla tagħha li ma tagħmilx parti minn dan il-qasam u għalhekk bħalissa mhijiex marbuta bir-Regolament.

Din il-paġna web hija parti minn [L-Ewropa Tiegħek](#).

Nilqgħu l-[feedback](#) tiegħek dwar l-utilità tal-informazzjoni pprovduta.

L-aħħar aġġornament: 18/12/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.